MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Numru. 178/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Geoffrey Azzopardi )**

**vs**

**David (David Austin) Calleja ta' 35 sena Iben Carmelo u Rose nee McColgan, imwieled Attard fit-13/07/1965 u residenti ‚Frank House', Triq Marchese Bugeja, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 389465 (M)**

**Anthony Joseph Portelli ta' 27 sena iben Anthony u Josephine nee Calleja, imwieled Attard fil-11/12/1973 u residenti 21A, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-karta tal-identita' bin-numru 82674(M)**

**Illum 25 ta’ April, 2007.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija David (David Austin) Calleja u Anthony Joseph Portelli li gew akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn l-10/03/2001 u l-11/03/2001 ghall-habta ta’ nofs il-lejl f’Bugibba, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja a’ John Stuart Roberts ta’ nazzjonalita’ Ingliza f’periklu car, ikkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq l-imsemmi persuna skond ma ccertifika Dr Anthony Gatt MD ta’ l-Isptar San Luqa, liema feriti jsitghu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew igibu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew li jistghu igibu sfregju gravu u permanenti fil-wicc;

Akkuzati aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta’ Melanie Dawn Garbutt, Neil Edwrad Lofthouse u Emily Bridget Fox ilkoll ta’ nazzjonalita’ Ingliza, skond ma ccertifika Dr Anthony Gatt MD tal-Isptar San Luqa;

U aktar akkuzati talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti u volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bi hsejjes, ghajjat, glied jew mod iehor;

Lil Anthony Joseph Portelli wahdu akkuzat talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta r-reati, hawn fuq deotti, li huw akellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Lil David (David-Austin) Calleja wahdu nakkuzah talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti Kriminli (guri) datata 29/10/1992 liema sentenza saret definittiva.

Rat li l-akkuzati wiegbu li ma kinux hatja tar-reati migjuba kontra taghhom.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-konfront tal-akkuzat David Calleja (fol 159) Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(bb), 338(dd), 342, 49, 50, 17(c), 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

u Anthony Joseph Portelli (fol 159) Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338 (bb), 338(dd), 342, 141, 17(c), 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li z-zewg akkuzati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2006, il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti illi l-ko impuat David Austin Calleja kien mahrub u ghalhekk intalab is-separazzjoni tal-gudizzju, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti. **Ghalhekk din is-sentenza hija biss fil-konfront ta' Anthony Joseph Portelli.**

Ikkonsidrat

Illi xehdu l-erbgha Nglizi nvoluti fil-glieda mal-ko imputati li wasslet ghal feriment ta'l-istess barranin. Ghalhekk Stuart Robert jghid i hu kien flimkien mal-hbieb tieghu gewwa l-Miracles, kienu erbgha. Jghid li semgha wara dahru storbju ta' dahk, dar u ra xi guvintur jiehdu pjacir ghalhekk hu kompla jkellem lit-tfajla tieghu. Jghid li xihadd qabdu minn spalltu kellem lil dan billi qallu li ma riedx inkwiet ghax kien fuq btala xi hames jew ghaxar minuti wara, jghid li qalgha daqqa fuq rasu u daqqa ta' ponn fuq imniehru. Jghid li kien l-akkuzat Anthony Joseph Portelli illi fil-fatt tah id-daqqiet. Jghid li l-istess Portelli „head butted“ lil grilfriend tieghu . Jixhed hekk „All punches came from the other accused Portelli. I remember receving four punches and after that I had to defend myself.“ (fol 25).

Melanie Garbett tikkonferma wkoll li l-partner taghha John Stuart spicca jissara mar-ragel, taf li l- ko imputat Portelli spicca jaghtiha head butt.

Neil Edward Lofthouse ukoll max-xhieda precedenti gewwa l-Miracles xehed li waqt li qeghdin hekk jiehdu pjacir u jixorbu hass daqqa fuq wara, kif dar qalgha daqqa ohra, huwa pero' jidentifika lil Calleja.  Tant li jghid li huwa waqt dan l-incident ma jiftakarx jara lil Portelli hemmhekk.

Emily Fox ukoll flimkien mal-barranin precedenti kienet involuta f'din ir-rissa, hija tghid li giet „head butted" minn David Calleja.  Aktar tard pero' tibdel il-verzjoni u tghid li kien fil-fatt l-akkuzat Portelli li kien ghamlilha „head butt".

Mix-xhieda ta' DR Anthony Gatt u d-dokumenti eseibit (folio 153-156 dok MG, Dok EF, Dok NL, Dok SR) jirrizulta li l-barranin kollha ghajr Stuart sofrew griehi ta' natura hafifa, Stuart Roberts min-naha l-ohra sofra griehi ta' natura gravi.

L-Ispettur Geoffrey Azzopardi xehed illi meta fil-kors ta' l-investigazzjoni tieghu fuq il-glieda kellem lil Anthony Portelli dana sahansitra nnega li hu kien il-Miracels Pub.

PS 874 Patrick Zammit ukoll involut fl-investigazzjoni xehed  illi wara li rceva telfonata dwar il-glieda.  Gol-Miracles kellem lil Lofthouse li ndikalu lil Anthony Portelli bhala wiehed mill-aggressuri.  Min-naha tieghu l-imputat Portelli beda jitkellem ma' Roberts billi beda jghidlu diskors bhal „You are looking at me.  I did anything to you.  You have a problem.  What's your problem". (a fol 51).  Jgid ukol dan is-surgent illi meta barra l-Miracles laqqgha lill-ko akkuzat mal-aggrediti Nglizi, hadd ma indika lil hadd bhala l-aggressur.  L-ghada reggha kellem lil Stuart Roberts, dan kien gie mizmum l-isptar u f'dan l-istadju Roberts kien ikkonferma illi l-aggressrui taghhom kienu Portelli u Calleja u li kien qal mod iehor il-gurnata ta' qabel ghax kien konfuz.

Kevin Micallef il-bar owner tal-Miracles jikkonferma li nqala xi nkwiet ma'xi nies li kienu qed jixorbu hemm, icoe

gol-bar u wiehed mill-akkuzati David Calleja. Jghid li t-turisti Nglizi u Calleja bdew jaghtu ma' xulxin u nqalgha pandemonium. Jixhed Micallef ili wqt li nqalgha dan il-pandemonium gie il-kugin ta' Calleja certu Tony li staqsa lil Calleja x'kien gara. Dan ix-xhud cioe l-barman insista li hu ma kienx jiftakar li kein inddistingwa lil Toni (Portelli) bhala l-ewwel wiehedl li xejjer id-daqqa ta' ponn. Dwar il-videos li suppost irrekordjaw l-incident gewwa l-Miracles, Kevin Micallef baqgha nsistenti li dan ma kienx gie recorded minhabba ball li ghamlet il-girlfriend tieghu fuq ir-recording machine li ghalhekk hassret kollox.

PC 646 Alfred Borg ukoll involut f'din l-investigazzjoni ikkonferma illi rrizultalu mill-investigazzjoni illi kien hemm glieda bejn David u certu Nglizi u li skond Kevin Micallef gie certu Toni u staqsa lill-habib tieghu David x'kien gara. Jghid ukoll pero' li Kevin il-barman kien indika lil Toni bhala l-persuna li tat l-ewwel daqqa.

Minhabba x-xhieda tal-Pulizija, reggha ngab jixhed Kevin Micallef. Dan ikkonferma illi hu fil-fatt kien hareg lil David Calleja l-barra u kif kien qed jaghmel hekk hu u David tfixklu. Dan it-tfixkil sar waqt li Kevin Micallef kien qed jikkalma lil Calleja u johorgu l-barra mill-bar. Baqa' nsistenti pero' Micallef illi ma kienx qed isegwi dak id-diskors li kien qed isir u dak li kien qed jigri bejn l-Inglizi u Calleja. Jghid ukoll illi fil-bidu Calleja kien wahdu jixrob hdejn il-kaxxa tas-sigaretti fejn il-bieb ta' barra dan kif beda l-argument. Kien wara dan li wasal kuginuh u xihadd iehor.

Dwar Anthony Portelli jghid li dan meta dahal, hu kien hdejn il-bieb ma' David, cioe kien qed izomm lil David. Dan Portelli kellem lil David u qallu biex jaghtuha.

Ittellghet tixhed ukoll cetu Samantha Britt li kkonfermat u dan aktar ghax Kevin Micallef inhoss li kien ostili u reticenti biex iwiegeb id-domandi tal-Prosekuzzjoni, illi kienet hija li fil-fatt hassret ir-recording tal-video tal-incident in dizamina.

Catrina Wilson xehdet illi fil-hin ta' dan l-incident hija kienet qed isservi lin-nies mill-wara l-bar. Fil-fatt kienet deciza li ma rat xejn mill-incident in kwantu nqalghet konfuzjoni. Tikkonferma illi minhabba hekk hija ndikat lil xi trusiti biex jaharbu mis-sitwazzjoni u jitilghu fuq, fatt dan li kkonfermawh in-nies xhieda li gia ddeponew. Senajalament tghid li prezenti waqt din il-kommozzjoni kien hemm wiehed mill-ko imputati. Ma ndikatx li Anthony Joseph Portelli.

Fil-konfront ta' Anthony Joseph Portelli xehed ukoll limitatament Debono li kkonferma illi Portelli huwa membru tal-armata Maltija Gunner 86141.

Xehed minn jeddu l-akkuzat Anthony Joseph Portelli. Qal li kien qed jiccelebra l-birthday ta' habib tieghu Keith Caruana. Spjega li hu kiengol-bar faccata ta' dak fejn inqalgha l-incident. Jghid li ra l-Pulizija ma' barrani u dan beda jargumenta mieghu. Spjega Portelli li ghaliex suldat offra l-ghajnuna lil dan is-surgent. Jghid li hu qatt ma kien involut f'dan l-incident u l-ghada mar l-ghassa jaghmel rapport fuq incident iehor u spicca tressaq fuq dan.

Innega li hu ta daqqa ta' ponn jew lil Roberts jew head butt lil Melanie, baqgha nsistenti li hu avvicina lill-Pulizija li kienu ma' dawn l-Inglizi ghaliex ried joffri l-ghajnuna tieghu.

Ikkonsidrat

Illi mill-verzjonijiet moghtija mill-feriti jirrizulta li Stuart Roberts jindika li hu gie aggredit minn David Calleja, Melanie Garbett li gie head butted minn Portelli, Lofthouse, lanqas jiftakar lil Portelli prezenti, Fox Emily li giet head butted minn Calleja

Irrizulta wkoll mill-investigazzjoni ta' l-ispettur illi Portelli mitkellem a tempo vergine nnega li hu kien prezenti fil-Miracles Bar waqt l-incident. Oltre dan rinfaccjati bl-aggressuri tghhom fuq il-lok ta'l-incident hadd mill-Inglizi

ma identifikahom. Kien biss l-ghada illi kkonfermaw li kienu Portelli u Calleja u aggreduhom.

Jirrizulta wkoll illi kemm Micallef Keith kif ukoll Catherine Wilson eskludew lil Portelli prezenti fuq il-post, Wilson billi tghid li ma ratux mentri Micallef qabel ma' dak depost minn Portelli li hu mar jikkalma lil Calleja meta kienet gia bdiet il-kommozzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tenut kont ta' dan id-dubju naxxenti a favur ta' Anthony Joseph Portelli qeghda tillibera lill-istess mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------